**Ġ3.1.5**
noħolqu kodiċi ta' mġiba għal meta nżuru l-kampanja Maltija

## A. Nosservaw l-istampi u niddiskutu:



1. Ġieli ltqajtu ma' dan it-tip ta' ħajt? X'insejħulu?
2. Fejn insibuh?
3. Fejn hu komuni, fl-ibliet jew fl-irħula fil-kampanja?
4. Taħsbu li jixraq mal-ambjent tal-kampanja? Kif?
5. Agħtu raġunijiet oħra dwar il-bżonn ta' dan il-ħajt.
6. Kif jipproteġi lill-ħamrija fl-għelieqi?
7. Liema annimali jgħixu f'dan il-ħajt?
8. Ġieli rajtu/smajtu b'xi nies li qalbu xi ħajt tas-sejjieħ?
9. Għaliex jagħmlu dan?
10. Meta jsir l-aktar dan?
11. X'tip ta' ħsara ssir meta n-nies jaqilbu l-ħitan tas-sejjieħ?

**B. <u>Imla l-ġebel billi tikteb dak kollu li tgħallimt dwar il-ħajt tas-sejjieħ:</u>**



**Ċ. Osserva l-istampa u wieġeb:**



1. Liema post qed turi din l-istampa?
2. Semmi pjanti, siġar u ħxejjex li jistgħu jikbru fil-kampanja Maltija.
3. Għadek tiftakar liema huma l-pjanta u s-siġra Nazzjonali ta' pajjiżna?

D. **Aqra din l-istorja u aħseb:**

*Kien il-Ħadd filgħodu. Anna u Sandro marru jistrieħu fil-kampanja. Huma daħlu f'għalqa privata, qalbu ħajt tas-sejjieħ u ġabru xi bebbux. Wara ftit, firxu l-kamp tagħhom u poġġew il-barbikju f'post għad-dell ta' siġra. Anna u Sandro kielu kemm felħu u ħadu gost. Lagħbu logħba ballun u ġrew wara xulxin ukoll. Huma qatgħu xi fjuri għal ġol-kċina tagħhom. X'ħin sar il-ħin, ħallew l-iskart taħt iċ-ċint u rħewlha lejn id-dar.*

- Tajjeb li tmur tistrieħ fil-kampanja f'ġurnata ta' mistrieħ?
- Għaliex? Kif tħossok meta toħroġ fil-kampanja Maltija?
- Tista' tidħol f'għelieqi privati meta tmur fil-kampanja?
- X'jista' jkun li hemm miżrugħ f'għelieqi privati?
- B'liema modi l-imġiba ta' Anna u Sandro kienet ħażina?
- Xi ħsara għamlu meta qalbu l-ħajt tas-sejjieħ?
- X'seta' ġara mill-ħaxix u s-siġar permezz tal-barbikju?
- X'għandna dejjem inġorru magħna meta mmorru fil-kampanja Maltija?
- Taħsbu li għamlu tajjeb meta qatgħu l-fjuri?
- X'pariri tagħtu lil nies bħal Sandro u Anna li jħobbu jżuru l-kampanja Maltija biex jistrieħu?

E. **Aqra dawn il-punti u mmarka:** ✓ **jew** **X**

1. Nhar ta' Ħadd nista' mmur għall-kwiet fil-kampanja. _____
2. Meta mmur fil-kampanja nista' nidħol f'għalqa privata. _____
3. F'xi ħin nista' naqleb xi ħajt u niġbor xi bebbux. _____
4. Tajjeb li nieħu borża tal-plastik biex narmi l-iskart fiha hekk kif nasal id-dar. ____
5. Jekk jogħġbuni xi fjuri sbieħ, nista' naqta' bukkett minnhom. _____

D. **Maġenb kull sentenza li turi mġiba tajba, pinġi wiċċ ferħan.**

**Maġenb kull sentenza li turi mġiba ħażina, pinġi wiċċ iddispjaċut.**



ferħan



iddispjaċut

| | |
|---|---|
| 1. Anita qabdet pitirross u poġġietu ġo gaġġa. |  |
| 2. Sefora taqbad kull nannakola li tara u tpoġġiha f'kaxxa tas-sulfarini. |  |
| 3. Deljo jħobb imur fil-kampanja bir-rota biex ma jniġġisx l-arja. |  |
| 4. Nina tħobb taqta' l-buqari mir-'roundabouts'. |  |
| 5. Lino qabad iż-żrinġijiet minn Wied il-Luq fil-Buskett. |  |
| 6. Nadja tissepara l-iskart. |  |
| 7. Betta ġġorr basket biex tarmi l-iskart fih meta tasal id-dar. |  |